# LEHEN IL-MALTI

L-GĦOXRIN SENA APRIL-ĠUNJU, 1950. Għadd 230-232

# GENEVA

## Dramm ta' GEORGE BERNARD SHAW

Studju tal-

Prof. Ġ. AQUILINA B.A., LL.D., Ph.D. (Lond.)

DAN mhux artiklu politiku għalkemm iġib bħala titlu isem famuż li jista' jkun ġjografiku, storiku jew internazzjonali. Għall-inqas hekk kien sakemm il-kapijiet tal-Gvernijiet tad-dinja fil-jiem imgħaġġla ta' l-Ewwel Gwerra Kbira, nġabru f'Versailles, kulħadd bil-programm tiegħu kif id-dinja għajj'ena mill-gwerra setgħet issib il-paċi. Qed ngħid għal Ġeneva, l-għaqda tan-nazzjonijiet li Shaw ħa isimha għad-dramm tiegħu. dik l-għaqda sfortunata, omm għaqda oħra ta' żmienna sfortunata bħalha "U.N.O" — Ġeneva xortiha ħażina li riedet tgħaqqad il-qlub imħabbta tan-nies u tan-nazzjonijiet imma mingħajr Alla li ħadd ħliefu bis-saħħa tal-Knisja mwaqqfa minnu f'din id-dinja ma jista' jassigura lin-nies il-qima għall-jeddijiet tagħhom bħala bnedmin. L-għorrief ta' dak iż-żmien, li ħafna minnhom il-lum jinsabu għall-kwiet fit-trab tal-qabar, kienu jaħsbuha xort'oħra. Issa l-mantar tal-ġlied tagħhom libbsuh lill-kapijiet ta' l-istati ta' żmienna, dawk li jiltaqgħu fil-palazz ta' Luxembourg u fi mkejjen oħra bix-xabla ta' Damocles imdendla fuqna u fuqhom.

Tgħid Bernard Shaw għad igħix biżżejjed biex jikteb dramm ieħor jismu "U.N.O."? Id-dramm "Geneva" hu importanti mhux biss għax jimmodernizza x-xewqa tal-bniedem għall-paċi bejn il-ġnus iżda wkoll għax jagħtina xhieda tal-ħsara li jista' jagħmel il-moħħ tal-bniedem użat ħażin, xhieda ta' dan il-ħażen li ftit ftit qed iħott l-Ewropa. Din ix-xhieda nistgħu narawha fl-istess awtur tad-dramm "Geneva" li flimkien ma' Voltaire nistgħu ngħidu li għandu l-akbar ġenju biex iniggeż u jwaqqa' għaċ-ċajt. Shaw ma jemmen f'ebda istituzzjoni magħmula mill-bnedmin sew jekk hi l-Knisja Kristjana sew jekk hu s-sagrament taż-żwieġ. Jattakka kull istituzzjoni soċjali bil-ħila li għandu biex

jwaqqa' kollox għaċ-ċajt u għad-daħk b'dak li jissejjaħ "Shavian humour". "Geneva" hu dramm kollu kemm hu modern. Fil-karattri li nisimgħuhom jitkellmu l-lingwa superfiċjali u brillanti ta' Bernard Shaw, niltaqgħu ma' kustjonijiet li baqgħu dejjem kustjonijiet moderni mis-sena 1939 'l hawn, is-sena tat-Tieni Gwerra Kbira tad-dinja li hija wkoll is-sena meta dan id-dramm kien mitbugħ l-ewwel darba. Dan id-dramm huwa rivista fantastika talkarattri u l-frugħa ta' dak iż-żmien mifruxa fi tliet atti, mimlijin kritika tigdem daqs is-snien, kritka li flok ġid tispiċċa biex tagħmel il-ħsara għax fejn Shaw iwaqqa' ma jibnix, fi kliem ieħor għax il-filosofija ta' Shaw hi għal kollox negativa. Għalih id-dinja mhix ħlief palk u n-nies atturi kif qal Shakespeare, u l-parti tiegħu hi dik li jwaqqa' għaċ-ċajt l-ipokrisiji u l-pretensjonijiet tas-soċjetà. Issa l-gwaj hu mhux li d-dinja minn żmien għallieħor ikollha l-kritiċi tagħha bħal Shaw, kritiċi li jġagħluna naraw in-nuqqasijiet tagħna imma li l-kotra l-kbira tan-nies huma hekk neqsin mill-edukazzjoni li m'għandhomx ħila jilqgħu rwieħhom mill-attakki u jinbarmu fil-ħerba tal-kritka qerrieda.

Fid-dramm "Geneva" naraw kemm ftit kellha saħħa Geneva bħala istituzzjoni internazzjonali għall-paċi, l-aktar dak iddipartiment tagħha msejjaħ: "Il-Kumitat Internazzjonali għallKo-operazzjoni Intellettwali", imwaqqaf biex jirrappreżenta "lko-operazzjoni intellettwali ta' sittin nazzjon". U madankollu biex jieħu ħsieb dipartiment hekk importanti mhemmx ħlief tfajla Ingliża nofs ras f'daqxejn ta' uffiċċju bla ħajr. Meta d-dramm jiftaħ f'għodwa sabiħa ta' Mejju niltaqgħu ma' xi nies li sarilhom xi tort u ġew hawn biex jieħdu raġun, għall-ewwel imħajrin mill-isem tad-dipartiment, u issa nofs qalb għax intebħu li dan id-dipartiment ma għandux saħħa. In-nisġa ta' l-inċidenti tagħti lill-awtur kemm-il okkażżjoni biex jista' jwaqqa' għaċ-ċajt nies, istituzzjonijiet u idejali. Għax għal Shaw is-soċjetà hi marbuta ma' ħafna konvenzjonijiet li jxekkluha u jtaqqluha. Imma kif għidna Shaw fejn iwaqqa' ma jibnix. L-ideoloġija tiegħu tixbaħ lil dik tan-nudist li jaħseb li d-dinja kienet tkun wisq aħjar kieku kull wieħed minna kellu jiddeċiedi jarmi l-ħwejjeġ ta' fuqu: l-ipokrisija tal-lbies.

L-ewwel raġel li naraw jitlob il-ġustizzja huwa Lhudi, u Shaw jinqeda bih biex igħid x'jaħseb fuq il-Lhud, fuq ħbiebhom u fuq l-egħdewwa tagħhom xorta waħda. Dal-Lhudi jfisser li huwa tabilħaqq Lhudi lis-segretarja li ma ridetx temmnu għax

ma dehrilhiex li hu "a primitive Hittite whose nose one could draw in profile by simply writing down the number six." Minbarra dan il-Lhudi huwa *blonde* u bixritu ta' Ġermaniż. Hawn Shaw jiftaħ in-nar kontra t-teorija nażista fuq ir-razza. Il-kelma Arjan li użaha għall-ewwel darba l-filologu Max Müller, Ġermaniż li kiteb bl-Ingliż, mhix ħlief wieħed mill-aġġettivi tal-lingwistika li dan l-aħħar inbidel ma' l-aġġettiv aktar xjentifiku "Indo-Ewropew". Fini ħafna l-osservazzjonijiet li l-Lhudi jagħmel dwar il-kampanja ta' l-anti-semitiżmu. Skond dan il-Lhudi ħadd ma jaħmel lil ħadd: "All peoples are disliked in the lump! the French are disliked, the Protestants are disliked; and all their hundreds of sects dislike one another". Il-Lhudi jżid jgħid li "xi nies kbar tad-dinja l-umanità ma kinux jaħmluha u l-Ħallieq kien igħarraqha d-dinja kieku ma kienx Noe." Dan hu tassew hekk, imma dak li Shaw ma jistax jifhem hu l-ewwel raġuni ta' dil-mibegħda. Dana ma jasalx biex jifhem li meta l-frieghi ta' siġra jibdew jidbielu jista' jkun illi fl-egħruq ta' dis-siġra hemm id-dud igħawwar. Il-Knisja Kattolika li Bernard Shaw ma jistax għaliha tgħallimna li f'għeruq is-siġra tas-soċjetà hemm dudu kbir igħawwar; dan id-dudu hu Dnub in-Nisel. Imma għal Bernard Shaw din il-fehma hi hekk ċara u definità li ma tistax tkun minnha, l-immaġinazzjoni tiegħu ħajja u mqarba ma tħallihx jemmen f'dak li hu ċar u definit. Minn naħa l-oħra l-Kattoliċi ma jistgħux jilgħabu mal-prinċipji fondamentali. Belloc u Chesterton fil-kitba tagħhom ma setax ikollhom il-libertà li ħa Shaw għax għal dawn iż-żewġ kittieba Kattoliċi l-libertà ta' Shaw tixbah liż-żifna ta' kummedjant fuq ħabel mimdud ma' tul ħalq l-infern. Madankollu Shaw jasal biex jikxef il-pjaga ta' xi abbużi soċjali.

L-anti-semitiżmu hu ħaġa ħażina u belha imma kull "anti" hija ħaġa ħażina u belha, u dawk l-uħud li jbatu b'xi preġudizzju nazzjonali qegħdin igħixu, kif igħidu l-Ingliżi, "f'dar tal-ħġieġ". Fid-demokrazija nsibu ħafna difetti u għalhekk meta Battler li jirrappreżenta lil Hitler jagħmel id-difiża ta' l-ideat tiegħu din id-difiża taħbat tikkonvinċina. Il-Lhudi jixli lil Battler li qed jipprova jeqred il-fjur ta' l-umanità minn wiċċ id-dinja. Battler biex juri li għandu raġun iġib eżempji ta' demokraziji li jagħmlu diskriminazzjonijiet tar-razza.

"Xi dritt għandek int f'pajjiżi......?" jgħid Battler lill-imsejken Lhudi, "jien inwarrbek bħalma l-Ingliżi jwarrbu liċ-Ċiniżi mill-Awstralja, bħalma l-Amerikani jwarrbu lill-Ġappuniżi mill-

Kalifornja.' U meta l-Lhudi mweġġa' minn dal-kliem igħidlu li fl-aħħar mill-aħħar, il-Lhudi hu bniedem bħal ħaddieħor u li għalhekk għandu jkollu daru x'imkien, Battler pront pront iwieġeb: "Imkien mingħajr passaport. Dik hi l-liġi tan-nazzjonijiet." B'ideat bħal dawn Shaw jolqot il-likk. Jista' jkun li Hitler fil-pulitika tiegħu ma weriex tattika, ma għarafx jaħbi, ma għarafx igħid ħaġa u jagħmel oħra bħad-demokraziji li huma ħatjin ta' delitti li għajru bihom lil Hitler. Imma issa li Hitler miet (jekk kemm-il darba l-erwieħ tal-Ġermanja ma ħaduhx fil-Valhalla biex minn hemm jerġa' jidher għal darb'oħra bħal wieħed mill-kbar tal-Ġermanja) nistgħu ngħidu li d-demokraziji tgħallmu jkunu aktar sinċieri u jaħdmu id f'id bħal aħwa? Nistħajjel li Shaw kien jitbissem imqarras kieku kellu jismagħni nagħmel dil-mistoqsija. In-nies ma jistgħu qatt jaħmlu, u wisq inqas iħobbu, lil xulxin. Il-Knisja Nisranija għandha t-tweġiba tagħha imma Shaw jiġi jaqa' u jqum mill-Knisja għax huwa l-Knisja tiegħu nnifsu. knisja ta' kritika u buffunati irresponsabbli. Ma jridx jisma' bi knejjes għaliex dawn għalih huma istituzzjonijiet marbutin ma' l-interessi privati tagħhom.

Kif qegħdin taraw Shaw ineżżgħek il-ħwejjeġ maħmuġa mingħajr ma jlibbsek xejn flokhom — iħallik għarwien. Shaw il-ħajja jifhimha bħan-nudisti li jgħidulek li l-bniedem iħoss ruħu aħjar u aktar b'saħħtu, jekk ineħħi l-ħwejjeġ minn fuqu u jibqa' mnażża'. L-art taħt riġlejk, is-sema fuq rasek mingħajr Alla u l hinn mis-sħab, dan kulma għandek bżonn biex tkun hieni. Għalfejn toqgħod tixtieq ħwejjeġ oħra biex iżżid tħabbel il-ħajja?

Kemm iridilna ġid Shaw, Alla jbierku! Iwaqqgħalna l-mandraġġi u fejn iwaqqa' ma jibnix djar komdi. Ma jagħmilx ħaġa oħra ħlief juri ruħu l-akbar għadu taċ-ċiviltà Nisranija li ma naħsebx li ma kienx jaf x'saħħa kbira għandha mill-attakki li kien ikollu maż-żewġ ħbieb tiegħu Kattoliċi, Hilaire Belloc u l-mejjet G. K. Chesterton.

Imma nerġgħu naqbdu fid-dramm. Il-Knisja Nisranija nsibuha rappreżentata minn Isqof li ġie għand il-Kumitat Internazzjonali għall-Ko-operazzjoni Intellettwali biex jieħu sodisfazzjon talli l-Kommunisti għamlu propaganda fid-djoċesi u avvelenaw il-moħħ u l-qalb tal-"butler" tiegħu — ċellula kommunista. U hawn naraw ġlieda bil-kliem bejnu u l-Kummissarju bolxevista. Ħaġa ta' min jistennieha, Shaw lill-Isqof pinġieh balalu kemm jista' jkun, u lill-Kummissarju bolxevista pinġieh bħala

bniedem intelliġenti. Ir-ridikolu hu għodda tal-biża' f'idejn Shaw. Il-Kummissarju bolxevista lill-Isqof iwieġbu li ma għandux iġerger mill-propaganda bolxevista fid-djoċesi tiegħu għaliex "l-Insara huma obbligati mhux inqas mill-kommunisti li ma jagħmlux propaganda ta' tixwix fir-Russja, propaganda mxerrda mis-soċjetà ta' l-evanġelju fid-dinja, li l-aġenti tagħha huma kullimkien u li għall-Gvern tar-Russja l-attivitajiet tagħha huma l-istess bħal dawk tal-Komintern għad-demokraziji." Dijalettika fina, imma sewwa sew għax fina hi perikoluża ħafna għan-nies li l-edukazzjoni tagħhom ma tlaħħaqx ma' dik ta' Shaw. Għal Shaw Kristu mhux Alla, ir-reliġjon tiegħu jittrattaha bħall-Buddiżmu jew Mawmettaniżmu. U hawnhekk aħna l-Insara noħorġu s-sejf mill-għant kontra kull Shaw jew Wells.

Ma tistax taf jekk Shaw għandux fehma politika jew morali kostruttiva. Meta taqra d-dramm tiegħu taraħ il-ħin kollu jwaqqa' u jfarrak, tisma' kuruni u altari jiġġarrfu, imma d-daqqa tal-martell hi dejjem qerrieda u qatt bennejja. Jilgħab b'idejiet xellugin imma bħal Dante, li ma għandniex xi ngħidu huwa wisq aqwa minnu għall-moħħ u l-kitba, huwa l-partit tiegħu nnifsu. Isib xi jgħid f'kull istituzzjoni sew Leminija kemm Xellugija. Kull reliġjon, Nisranija jew le, għalih hi ħram u kull politika hija logħob ta' l-uċuħ u ta' l-interessi. Xi ngħidu għal Gvern demokratku? U biex insemmu l-Ingilterra, xi ngħidu għall-"House of Commons"? Il-"House of Commons" fejn il-bniedem komuni jibgħat ir-rappreżentanti tiegħu lil Bernard Shaw ma toghġbux wisq. Bħal kull ħaġ'oħra jfarrakha biċ-ċiniżmu tiegħu. Għalkemm Begonia Brown "hija injurantuna li turi kemm ma taf xejn kull meta tiftaħ ħalqha", il-Konservattivi jriduha toħroġ għall-Elezzjoni, jekk titla' jkollha £600 fis-sena u l-pulitka titgħallimha ftit ftit mill-Parlament. U meta s-Segretarja tal-Kumitat Internazzjonali tal-Ko-operazzjoni Intellettwali tgħid u terġa' tgħid li Begonia mhix tajba biex titla' fil-Parlament, is-Segretarju Ingliż għall-Affarijiet Barranin jassiguraha li għalkemm hi tabilħaqq injurantuna xħin titla' fil-Parlament timxi bħar-rappreżentanti l-oħra kollha għaliex "hemm ħafna nies f'Camberwell li jħossu u jaħsbu bħalha u minn daqshekk il-"House of Commons" tixbah f'kollox lil Camberwell".

Studji ta' kuntrasti umoristiċi nsibu fil-paragun tad-diplomazija Ingliża li minn barra mibnija kollha fuq it-tlaqliq li jiswa biex idewwem u jaħbi attakk maħsub minn qabel, u t-tifħir u l-għajat goff tad-dittaturi, Bombardone (il-mejjet Mussolini)

minn naħa l-waħda u Battler (il-mejjet Hitler) minn naħa l-oħra. Meta Sir Midlander isib ruħu mistoqsi għal għarrieda x'kien beħsiebha tagħmel l-Ingilterra jekk issib ruħha milquta fl-interessi tagħha, dan is-Segretarju għall-Affarijiet Barranin ma jagħrafx jagħti tweġiba ċara. Jagħtik x'taħseb li anqas hu ma jaf x'kien jiġri iżda ma hemm ebda biża' li l-Imperu ma jkunx imħares. "Kulma nagħmlu" jwieġeb "hu li aħna nibqgħu marbutin ma' l-Imperu Ingliż u nidħlu għal kull xogħol li l-Prov idenza jogħġobha tgħabbina bih. Imma aħna nkunu nkwetati ħafna jekk xi potenza jew għaqdiet ta' potenzi jġibuna f'pożizzjoni ta' inferjorità militari jew navali. Inwiddibkom, nitlobkom la tbeżżgħuniex. Aħna nies fidili, m'għandna kontra ħadd, biss nitbeżżgħu malajr. Meta jaqbadna l-biża' naslu għal kollox, ukoll biex nagħmlu ħwejjeġ li wara nkunu rridu ninsewhom."

Shaw mitwieled Irlandiż u li għamel fortuna fil-qalba ta' dak l-imperu li bħal ħafna Irlandiżi oħra ilu jattakka b'saħħtu kollha m'għandu ebda ġibda għall-Imperjaliżmu Ingliż jew x'Imperjaliżmu ieħor. Kapitalist kbir, ħajtu kollha jattakka l-kapitaliżmu, u għalhekk lill-Ingilterra wkoll, ċentru ta' kapitaliżmu u plutokrazija. Shaw jixtieq jara fl-Ingilterra għadd ikbar ta' nies bħall-Professur Laski li miet milux, u ta' dawk kollha li jixtiequ jwaqqgħu u jneħħu l-Imperu biex minfloku jdaħħlu? Bernard Shaw ma jgħidlekx, iħallik tgħum waħdek, Shaw ikisser u jfarrak biss.

Bħala kuntrast mad-diplomazija Ingliża, ma' Sir Midlander kollu tlaqliq, naraw lil Bombardone mimli bih innifsu, konvint li huwa l-Bniedem tad-Destin. Bombardone hu u jwieġeb il-mistoqsijiet impertinenti ta' Newcomer, Ingliż li ġie l-Qorti biex jisma' l-Imħallef jaqta' s-sentenza lill-egħdewwa tal-paċi internazzjonali (donnha dehra bil-quddiem tal-Qorti ta' Nuremberg) igħid għalih innifsu: "Jien dak li jien, int dak li int, jista' jirnexxilek tieħu posti daqs kemm jista' jirnexxilek tbiddel it-triq tax-xemx fis-smewwiet." Din hi t-teorija tal-Bniedem Magħżul. Meta Newcomer widdeb lil Bombardone li għalkemm jidhirlu li hu kbir ħafna d-Demokrazija ssiblu tarfu għax taqtagħlu rasu bħalma għamlet qabel, Bombardone li Shaw jinqeda bih biex isawwat id-Demokrazija jwieġeb li "il-plutokrazija qatgħet irjus is-Slaten u l-Arċisqfijiet biex iżżomm l-aqwa setgħa hi u tisraq il-poplu biex imbagħad ma jkollux iżjed re jew qassis jaqbeż għalih. Iżda l-poplu dejjem jagħraf jimxi wara min jitwieled biex ikun il-mexxej tiegħu. Fejn mhemmx mexxej, re, qassis,

jew xi hadd minflokhom bis-saħħa tal-liġi magħmula mir-rejiet u qassisin mejta, int għandek il-liġi tal-kotra, il-liġi tat-tbiċċir, il-liġi tal-ħallelin, fi ftit kliem demokrazija Amerikana. Mela iżżi hajr lil xortik li qatt ma kont taf x'inhi demokrazija fl-Ingilterra. Jien bit-tmexxija tiegħi ħlist lil pajjiżi minn dan l-għawġ kollu. Jiena istituzzjoni demokratika." Mhemm ebda dubju li l-Amerika li tħobb tilbes il-korazza ta' Sir Galahad, għandha ħafna trab xi tfarfar minn fuqha, imma Bombardone minfuħ bih innifsu lanqas ma jaħfirha lil sieħbu "Nordic Battler" (Hitler) li hu jikkonsidra bħal wieħed li qed jitgħallem taħtu, osservazzjoni li tniggeż lil Battler li minnufih iwieġeb "aħna lkoll nibdew nistudjaw taħt ħaddieħor u nispiċċaw forsi bħala atturi kbar"; u darb'oħra msaħħan wieġeb li huwa ma jimxix wara Bombardone għaliex "meta qatt bniedem tan-Nord tbaxxa hekk biex jimxi wara bniedem tan-Nofs in-Nhar?" Din l-osservazzjoni tbaqbaq lil Bombardone li jikkritika lil Battler talli jippretendi li l-Germaniżi biss huma Arjani bjondi. Fiha ċajta tisma' lil Bombardone jfakkar lil Battler li għalih kull razza hi "mistika u mhux nazzjonali," illi "Alla jista' jagħżel il-mexxejja tiegħu iżda jekk isiru mqarbin, Hu jħallihom jaqgħu u jieħdu sabta kbira," osservazzjoni li għoġbot ħafna lill-Ingliżi li kienu jisimgħuh.

Biex il-kwadru jkun sħiħ, quddiem il-Qorti jidher Franco wkoll bl-isem ta' Flanco. Dan, hu u jkellem lil Bombardone u 'l Battler igħid għalih innifsu li hu "bniedem tal-ħidma li ma jħossux floku fost nies li ma jħobbux ħlief jitħaddtu" u li "hu jemmen fi Gvern magħmul minn nies puliti kontra Gvern magħmul minn nies psatas." Dan id-Dittatur li għadu ħaj u li qiegħed idejjaq lir-Russja u lil ħbiebha jgħid ukoll li hu uffiċjal Kattoliku u sinjur, bit-twemmin tat-tradizzjonijiet u d-dmirijiet tal-klassi u reliġjon tiegħu, li ma kellux sabar joqgħod ilablab meta ċ-ċiviltà mwaqqfa minn dik il-fidi u minn dak l-ordni l-poplu kien qed jeqridhom; osservazzjoni li għalina l-Insara ma tantx iġġagħalna naraw ikrah lid-dittatur Spanjol. Tabilħaqq, il-fatt illi r-Russja l-aktar dittatorjat aħmar miżmum bl-ispjunaġġ u bis-suspetti, qed ifittex li jeħles minn Franco jneħħi ħafna mis-saħħa ta' l-argumenti maħluqa minn Shaw. Il-ġlieda bil-kliem bejn Bombardone u l-imħallef dwar il-ħsara tal-gwerra turina lid-dittatur faxxista jgħolli l-gwerra u jmaqdar l-paċi li "tista teqridkom aktar" waqt li jinsisti li "biex il-bniedem irabbi karattru hu meħtieġ ħafna li jkollu kamp għall-gwerra biss.

In-nies jitħassru meta ma jibqgħux jiġġieldu"; osservazzjoni li tiġbor id-duttrina Nietzchjana msemmija minn Mussolini fit-taħditiet tiegħu bombastiċi u fl-artiklu twil li hu kiteb fl-enċiklopedija Treccani. Għalina dan it-tagħlim hu ta' min jistmerru avolja fil-qalba tiegħu fih xi ħaġa mis-sewwa. Skond Bombardone fit-tweġiba li hu ta lil Armla li saqsietu jekk meta kien għadu suldat sempliċi kienx "jifraħ meta minħabba l-feriti kien ikollu jħalli t-trunċieri u jidħol fi sptar" hu jwieġeb illi "l-gwerra mhix kollha glorja u qlubija; (fil-gwerra) int issir taf x'ġifa int u kemm int qalbieni. Int issir taf x'jiġifieri ġismek jiksaħ bil-miżerja u t-twerwir u titgħallem ukoll tidħak bil-mewt." Imma skond Newcomer li mhux ħlief Ingliż komuni, il-gwerra hi neċessarja biss biex ma tħallix il-popolazzjoni tikber.

Dawn huma ideat disgrazzjati li smajna minn għand nies b'edukazzjoni militari, edukazzjoni żbaljata ta' nies li jidraw il-periklu u jqisu l-ħajja bħala avventura, it-tfal imqarbin tad-dinja, li meta ma jkunux libsin l-uniformi ssibhom galantomi imma meta jilbsuha ssib li huma qabda "blimps" u "jingoes". Dil-ġenerazzjoni li xebgħet mill-gwerer u mill-gwerrieri hawnhekk taqbel ma' Shaw u tikkundanna miegħu l-megalomanijaċi militari. Ngħid għalija l-militar għalkemm meħtieġ ħafna għaddifiża dejjem rajtu bħala xhieda tad-dnub oriġinali; qatt ma stajt inħobb jew nammira s-suldat jew aħjar lil dawk li jigglorifikaw il-gwerra u d-dixxiplina militari li tagħti s-setgħa lil nies oħra bħali u bħalek jagħtuna l-ordnijiet li jidhrilhom u jġibu ruħhom ibsin u ħorox. Hu hawnhekk illi Shaw nħossuh qed jitħaddet f'isem in-nies komuni tad-dinja illi minn żmien għallieħor isibu ruħhom maqtulin qishom ħrief fil-biċċerija minħabba l-ambizzjonijiet tan-"nies kbar" tad-dinja, imma jaħasra jkollna ngħidu, avolja Shaw ma jaqbilx, li l-ħażin jibqa' fid-dinja sakemm jibqa' Dnub in-Nisel — jiġifieri għal dejjem — sakemm ittul il-ħajja tal-bniedem fuq din l-art.

La taħsbux illi jiena ma nħossx is-saħħa tal-karatterizzazzjoni drammatika ta' Bernard Shaw, il-qatgħa tad-dehen tiegħu ħafif misnun daqs xafra, il-ħakma tiegħu fuq l-Ilsien Ingliż li hu jħaddem u jdawwar 'l hawn u 'l hemm b'ħeffa aktar minn dik li għandhom kittieba oħra Ingliżi. Xejn minn dan. Li kieku d-dramm ittrattajtu bħala xogħol letterarju kieku kont nikteb xort'oħra. Imma f'din il-kitba ridt nuri lil Shaw fid-dawl u d-dlam li joħorġu mill-pinna tiegħu għal fuq iċ-ċiviltà moderna. Ridt narah u nurihulkom bħala forza wara t-taħbit ideoloġiku

ta' żmenijietna, fit-taħwid ta' dinja li warrbet ħafna mill-istituzzjonijiet li ilu jattakka ħajtu kollha. Għalhekk biss Shaw li l-lum għandu fuq id-disgħin sena jmissu jħoss ruħu hieni ħafna (imma min jaf!) meta jara d-dinja f'liema taħwid tinsab. Għalhekk ħabibu H. G. Wells fil-ktieb "Man At The End of His Tether" li ħareġ ftit qabel miet wera ruħu mħasseb ħafna dwar id-destin taċ-ċiviltà. Fiż-żminijiet tagħna, hemm inqas superstizzjoni, inqas Alla, inqas Kristu, u inqas Knisja. Id-dinja warrbet il-moralità Nisranija u quddiemha issa għandha l-bomba atomika, ir-rigal tax-xjenza li tista' kollox. Dan hu li għandha quddiemha d-dinja, il-qirda tal-bomba atomika, mingħajr ir-rażan li jiġi mil-liġi t'Alla. Għad hawn min baqgħalu tama żgħira li l-bniedem mingħajr Alla u mingħajr Knisja jasal waħdu biex iwaqqaf il-qirda taċ-ċiviltà. Tama mqarrqa!

Shaw appostlu tal-qirda ġietu saltnatu aktar milli ried u ġew f'saltnathom ukoll dawk kollha li bil-ftit il-ftit ħattew is-saħħa tal-Knisja u ċ-Ċiviltà Nisranija.

Id-dramm "Geneva" huwa kwadru tal-falliment tad-dinja u ta' Shaw. Il-ħażin hu li billi Shaw qatt ma jasal biex jifhem xinhu Dnub in-Nisel u l-ħsara li ħalla warajh, qatt ma jasal biex jikteb dramm ieħor mhux fuq Geneva u l-Uno u għaqdiet oħra bħal dawn li jitwieldu fil-għodu u jmutu fil-għaxija imma fuq l-akbar dramm tad-dinja: "IL-WAQGĦA U WARA".